## MESSAĠĠ TAL-PROVINĊJAL
## GĦALL-FESTA TAL-MADONNA TAL-KARMNU 2018

Il-festa tal-Madonna tal-Karmnu bdiet tiġi ċċelebrata fl-Ingilterra fis-seklu 14 bħala ringrazzjament tal-Ordni lill-Patruna tiegħu għal dak kollu li għamlet miegħu fl-ewwel żminijiet sa ma ġie aċċettat definittivament fil-Knisja bl-identità partikulari tiegħu li tinkludi l-karattru Marjan tiegħu. Fit-talba ewlenija tal-festa għadna sal-lum nindirizzaw lil Alla bħala Dak li żejjen lill-Ordni tal-Karmelu bit-titlu waħdieni tal-Imqaddsa Verġni Marija Omm Alla, titlu li fl-ewwel żminijiet tal-Ordni kien jagħti fastidju lil ħafna nies, imma li l-Papiet dejjem approvaw.

Għalina l-Karmelitani Maltin il-festa tal-Madonna tal-Karmnu din is-sena għandha karattru speċjali ta' ringrazzjament. Qegħdin niċċelebraw sitt mitt sena ta' preżenza kontinwa f'Malta. Hawn ukoll, bħal fuq l-għolja tal-Karmel, l-Ordni twieled madwar knisja ddedikata lill-Madonna, il-knisja tal-Lunzjata fix-Xagħra ta' San Anard fir-Rabat. Kienet il-Verġni Marija, li bħala Omm u Patruna, wellditna u mxiet magħna pass pass mill-1418 sal-lum. Kull ma aħna, kull ma għandna, kull ma nagħmlu nafuh lilha. Min-naħa tagħna żgur li matul dawn is-sitt mitt sena iddistingwejna ruħna fil-gżejjer Maltin bħala Ordni Marjan. Mill-ewwel kunvent tal-Lunzjata għall-Belt Valletta u minn hemm għal kull rokna ta' Malta u Għawdex id-devozzjoni Marjana-Karmelitana xxetlet u xterdet. Hi devozzjoni li tesprimi ruħu bl-ilbies tal-labtu, il-libsa tal-Ordni, il-libsa ta' Marija. Hi devozzjoni sempliċi u popolari, imma b'għeruq profondi.

Il-labtu tal-Madonna tal-Karmnu jfakkarna fil-libsa tal-grazzja li rċevejna fil-magħmudija, meta nżajna l-bniedem il-qadim u lbisna l-bniedem il-ġdid imsawwar fuq Kristu. Marija, l-Immakulata, kienet l-ewwel waħda li libset din il-libsa u żammitha bla mittiefsa sa ma libset il-libsa tal-glorja fil-Ġenna. Hi, bħala Omm il-Knisja, Omm id-dixxipli ta' Binha, ġiet imsieħba b'mod uniku fil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu li jlibbisna lil Kristu, li jsawwarna fuqu. Il-libsa tagħha hi għalina sinjal ta' dak li hi tagħmel fina. Min-naħa tagħna, aħna u nilbsuha, nimpenjaw ruħna li nintelqu f'idejha, nafdaw lilna nfusna lilha, biex tmexxina aħna u nixxabtu mat-telgħa li twassalna għand Alla. Marija timxi magħna bħala Oħtna u tmexxina bħala Omm u Għalliema tagħna. Bit-talb tagħha tidħol għalina quddiem Alla biex inkomplu nissaffew ħalli ningħaqdu miegħu. Dan tagħmlu mhux biss sakemm qegħdin f'din il-ħajja, imma wara mewtna wkoll.

Aħna u nirringrazzjawha ta' dak kollu li għamlet u għadha tagħmel ma' din il-familja kkonsagrata lilha, f'din is-sena speċjali rridu nġeddu l-impenn tagħna li nkunu tassew Marjani, ikkonsagrati lilha, biex nimxu wara Kristu f'ħajja tixbah lil tagħha.

*P. Alexander Vella O.Carm.*
*Pirjol Provinċjali*

## PROGRAMM TAL-FESTA TAL-MADONNA TAL-KARMNU
## FL-IMDINA 2018



# FESTA
## *tal-Karmnu* MDINA-*2018*

**It-Tnejn 09 ta' Lulju | FESTA TAL-MADONNA TAL-KARMNU FL-IMĠARR**
7.00 p.m. Ružarju; 7.30p.m. Quddiesa u kitba fil-Labtu

**Il-Ħamis 12 sal-Ġimgħa 20 ta' Lulju | JIEM TAN-NOVENA**
6:30 a.m Ružarju; 6:45 a.m. Tifħir ta' Sbieħ il-Jum; 7:00 a.m. Quddiesa; 6:00 p.m. Ružarju, Kurunella tal-Madonna tal-Karmnu 6:30 p.m. Quddiesa bil-prietka tan-Novena

**Il-Ħamis 12 ta' Lulju | JUM MARJAN – KARMELITAN**
10:00 a.m. Adorazzjoni u kitba fil-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu 5:45 p.m. Pellegrinaġġ mill-Għaqda Kompensatriċi tar-Rabat minn quddiem il-Katidral.
Janimaw il-quddiesa l-Grupp Tiberija.

**Il-Ġimgħa 13 ta' Lulju | NITOLBU GĦALL-MORDA**
6:30 p.m. Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Morda.

**Is-Sibt 14 ta' Lulju| NITOLBU GĦALL-FAMILJI**
Il-Quddiesa ta' filgħaxija tkun bis-sehem tal-Grupp tal-koppji OASI. Issir ukoll il-Preżentazzjoni tat-trabi lill-Madonna tal-Karmnu.

**IL-ĦADD 15 ta' Lulju| LEJLET IT-TIFKIRA SOLENNI TAL-MADONNA TAL-KARMNU**
5.30am; 7.00am; 8.30am Quddies; 7.45am Tifħir ta' Sbieħ il-Jum. Il-Quddiesa ta' filgħaxija tkun bis-sehem tat-Terzjarji. Ikollna wkoll 3 Professjonijiet u 2 Vestizzjonijiet fit-Terz Ordni Wara l-Quddiesa niċċelebraw l-Ewwel Għasar tat-Tifkira Solenni.

**It-Tnejn 16 ta' Lulju | TIFKIRA SOLENNI TAL-MADONNA TAL-KARMNU**
Il-Familja Karmelitana kollha tiċċelebra t-Tifkira Solenni tal-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu fis-Santwarju Bażilika tagħha fil-Belt Valletta. Fid-10:00 a.m. ikun hemm il-Quddiesa Solenni tal-festa iċċelebrata mill-Pirjol Ġenerali u fis-7:00 p.m. il-purċissjoni bl-istatwa devota tal-Madonna tal-Karmnu.

**It-Tlieta 17 ta' Lulju | NITOLBU GĦALL-VOKAZZJONIJIET**
6.00 p.m. Espożizzjoni u talb għall-Vokazzjonijiet; 6.30p.m. Quddiesa bis-sehem tat-tfal u żgħażagħ; Għasar.

**L-Erbgħa 18 ta' Lulju | NIĊĊELEBRAW IL-ĦARSIEN TA' MARIJA FUQNA**
6:30 p.m. Quddiesa bis-sehem tal-komunitajiet Parrokkjali tal-inħawi u l-voluntiera li jaħdmu l-Labtijiet.

**Il-Ħamis 19 ta' Lulju | NITOLBU GĦALL-GĦAQDA TAL-INSARA**
5:45 p.m. Għasar bir-Rit Grieg Kattoliku; 6:30 p.m. Liturġija Divina ta' San Elija mmexxija mir-Rev. Prof. Martin Zammit tal-Knisja Griega Kattolika ta' Sidtna Marija ta' Damasku.

**Il-Ġimgħa 20 ta' Lulju | Solennità tal-Profeta Missierna San Elija u JUM IL-ĦAJJA KONSAGRATA**
6:00 p.m. It-Tieni Għasar ta' San Elija; 6:30 p.m. Quddiesa tal-Profeta Missierna San Elija. Imexxi s-saċerdot novell, P. Kurt Mizzi, Karmelitan bis-sehem tal-membri tal-ħajja konsagrata.

**Is-Sibt 21 ta' Lulju | LEJLET IL-FESTA**
6:00 p.m. L-Ewwel Għasar Solenni tal-Festa u Transulazzjoni tar-Relikwa; 6:30 p.m. Quddiesa; 08:15 p.m. Akathistos.

**Il-Ħadd 23 ta' Lulju | JUM IL-FESTA**
5.30 a.m.; 7:00 a.m.; 7:45 a.m. Tifħir ta' Sbieħ il-Jum; 8:30 a.m. Quddiesa ċċelebrata mill-Arċipriet tal-Katidral u bl-omelija minn P. Pawl Galea, OFM; 6:00 p.m it-Tieni Għasar Solenni tal-Festa; 6:30 p.m. Quddiesa Solenni mmexxija mill-W.R.P. Alexander Vella O.Carm., imexxi l-mużika s-Sur Josef Bugeja; 8:00 p.m. Purċissjoni bil-kant u r-Ružarju, akkumpanjata mill-Banda L'Isle Adam; 9:30 p.m. Mad-dħul tal-purċissjoni ssir il-Konsagrazzjoni lill-Madonna, Flos Carmeli, u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.